MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2012

Numru. 885/2007

**Il-Pulizija**
**[Spettur Ian Joseph Abdilla]**

**vs**

**Paul Azzopardi**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Paul Azzopardi detentur tal-karta tal-identita` numru 329455M.

Akkuzat talli f'Marzu 2005, u fix-xhur ta' qabel, fl-Imsida u f'postijiet ohra f'dawn il-Gzejjer:

1. ikkorrompa lil Ivan Muscat, ufficcjal jew impjegat pubbliku, u rrenda ruhu komplici mal-istess Ivan Muscat filli, fil-kapacita' tieghu ta' ufficcjal pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, talab, ircieva, jew accetta

ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom huwa ma kellux jedd;
(Dan bi ksur tal-Artikolu 115, 120 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

2. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, wieghed, ta jew offra, sew b'mod dirett sew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub Titolu (IV) tat-Titolu (III) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex igieghel lil dik il-persuna ohra tesercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi hadd iehor;
(Dan bi ksur tal-Artikolu 121A(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

3. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, xjentament ghamel uzu minn att/i, kitba, jew skrittura/i foloz;
(Dan bi ksur tal-Artikolu 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

4. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, xjentament ghamel uzu minn wiehed mid-dokumenti msemmijin fl-Artikolu 185 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(Dan bi ksur tal-Artikolu 186 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

5. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentament ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz.
(Dan bi ksur tal-Artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

6. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, sew xjentament jew bi traskuragni, ghamel xi dikjarazzjoni falza f'xi partikolarita`sostanzjali f'xi prospett, talba jew dokument iehor mehtieg jew awtorizzat li jsir bl-Att jew taht l-Att dwar l-Awtorita' Marittima ta' Malta;

(Dan bi ksur tal-Artikolu 76 tal-Kap 352 tal-Ligijiet ta' Malta)

Rat it-talba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll li l-imputat jkun skwalifikat milli jkollu licenzja tal-bahar (nautical licence) ghal dak iz-zmien illi l-Qorti jidhrilha xieraq;

Rat it-talba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Rat it-talba sabiex fil-kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Rat l-atti processwali kollha inkluz l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti;

Rat ukoll ix-xhieda u d-dokumentazzjoni pprezentati tul dan il-process;

Rat ukoll id-dokumenti kollha mahruga mill-Malta Maritime Authority.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat gie akkuzat b'diversi akkuzi fosthom li kkorrompa lil certu Ivan Mifsud, li kien impjegat tal-Malta Maritime Authority sabiex tinhariglu l-licenzja marittima b'mod irregolari u li ghamel dikjarazzjoni falza fl-otteniment ta' din il-licenzja u li ghamel uzu minn din il-licenzja hekk illegalment ottenuta.

Illi mill-provi prodotti partikolarment mix-xhieda ta' Sharon Micallef li tahdem tal-Awtorita` Marittima, irrizulta illi l-imputat ghalkemm kellu din il-licenzja, ma kienx hemm record illi huwa qatt attenda l-kors li kien obbligatorju ghal hrug ta' din il-licenzja. Din ix-xhud ukoll ikkonfermat l-awtenticita` tad-dokumenti esebiti f'dawn l-atti partikolarment il-licenzja nawtika esebita u mmarkata bhala (Dok IB 1 *et seq)* u li din ikkonfermat li kien Ivan

Muscat li kien harigha li llum il-gurnata huwa sospiz mill-Awtorita` Marittima.

Rat ukoll ix-xhieda ta’ Godwin Callus li jahdem fil-*Human Resources* fi hdan l-Awtorita` Marittima li ta’ prova tal-fatt li Ivan Muscat kien impjegat pubbliku f’dak iz-zmien li twettaq l-allegat reat u li dan kien jahdem bhala *small ships registrar* fejn dan kien xoghlu proprju sabiex jirregistra dghajjes u vapuri u lanec zghar.

Illi rat il-verbal tal-4 ta’ Lulju 2008 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fejn l-imputat ammetta l-akkuzi tnejn (2), tlieta (3), erbgha (4), hamsa (5), u sitta (6) filwaqt li jzomm ferm in-nuqqas ta’ htija a rigward l-ewwel (1) akkuza.

Rat l-Artikoli tal-Avukat Generali fejn kien qed jintalab sejbin ta’ htija taht l-Artikoli 18, 115, 120, 121A (1), 184, 186, 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; Artikolu 76 tal-Kap 352 u Artikoli 17, 23 u 23B, 30, 31, 289, 532A, 532B u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi rat ukoll illi l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat illi sussegwentement din il-kawza kienet qed tistenna l-ezitu ta’ procedura ohra bl-istess mertu izda bl-ismijiet “Pulizija v. Anthony Sultana” fejn kienet tqajjment l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni izda li din l-eccezzjoni giet michuda permezz ta’ sentenza tal-Qorti tal-Appell.

Rat illi id-difiza ezentat lill-din il-Qorti milli terga’ tisma’ Ix-xhieda kollha migbura quddiem l-istess Qorti diversament presjeduta li kien gie elevat ghall-gudikatura.

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet bil-prova fis-seduta tas-sebgha (7) ta’ Novembru 2011. Rat li d-difiza pproduciet bhala xhieda lill-mara tal-imputat u l-istess imputat Paul Azzopardi.

Illi mart l-imputat Mary Azzopardi xehdet illi hija kienet li giet bl-idea illi tavvicina lill-Ivan Muscat sabiex titolbu biex

jghin lir-ragel taghha sabiex jottjeni l-licenzja nawtika peress illi r-ragel taghha ma kienx jaf jaqra u jikteb u ghalih kienet ser tkun difficli hafna sabiex jaghmel l-ezami ghall-hrug ta’ din il-licenzja.

Hija xehdet ukoll illi din saret taf lil Ivan ghaliex kien jahdem fl-*insurances* bhalha u ghalhekk hija xehdet illi qatt ma kienet tissuspetta illi dan kien impjegat tal-Awtorita` u cioe` ufficjal pubbliku. Dan skoprietu biss meta marru sabiex ihallsu u ratu hemmhekk bhala skrivan. Din pero` xorta wahda kienet hallsitu dak li kien talabha sabiex tinhareg il-licenzja nawtika.

Ix-xhieda tal-imputat tikkorrobora dak li qalet il-mara tieghu u cioe` li hu qatt ma kien jaf lil Ivan Muscat izda li kienet tafu l-mara tieghu peress li kien jahdem fl-*insurance* u ghalhekk huwa qatt ma kellu l-icken dubju li dan kien jahdem mal-Awtorita`.

Izda gara illi meta huma marru l-Awtorita` u raw li Muscat jahdem hemm, huma ma regghux lura izda komplew bit-tranzazzjoni taghhom fejn dawn tawh il-flus li kien talabhom hu. Dan il-fatt mhuwiex kontestat

Ghaliex dan xehduh l-istess imputat u martu u anke jekk hu l-fatt illi l-imputat, meta ittiehditlu l-istqarrija, huwa ma kienx avzat bid-dritt tieghu li jikkonsulta ma’ avukat u ghalhekk din l-istqarrija tista’ tkun dikjarata nulla, il-fatt illi l-imputat u martu ikkonfermaw dawk il-fatti bil-gurament quddiem il-Qorti, mela dik l-istqarrija m’ghandiex aktar valur probatorju.

Illi ghalhekk, in vista tal-fatt illi l-akkuzi kollha gew ammessi hlief l-ewwel akkuza, u stante li l-fatti kontenenti fl-ewwel akkuza m’humiex kontestati, kullma trid tara jekk jezistix huwa l-element mentali tal-imputat li jikkorrompi ufficjali pubbliku fil-mument meta gie kommess l-allegat reat.

Illi meta l-imputat gie mistoqsi mid-difiza ghal moment meta hallas il-flus lil Ivan Muscat fl-ufficcju tieghu tal-Awtorita`, l-imputat wiegeb dawn il-kliem “*gewwa l-ufficcju*

*stess u zgur dak il-hin. . .”* U meta gie mistoqsi ghal x’hiex hallashom dawk il-flus, huwa wiegeb *“ . . . l-licenzja xi tnax il-Lira kienet u l-ohrajn ma nafx”.* Meta d-difiza ssuggerietlu li dawk il-flus l-ohrajn kienu tal-kors huwa wiegeb illi iva dawk kienu tal-kors.

Illi din l-ahhar twegiba ma tantx tista’ tigi emmnuta u dan ghaliex ftit qabel huwa kien xehed illi peress li ma kienx jaf jaqra u jikteb huwa ma setax jaghmel il-kors u ghalhekk li jipprova jghid illi huwa haseb li dawk il-flus kienu tal-kors kienet twegiba li qalha forsi anke b’suggeriment tal-avukat tieghu stess.

Illi l-Qorti hija konvinta illi l-element mentali ta’ dan ir-reat pero` kien aktar jezisti fil-mara tal-imputat milli fih u dan ghaliex il-mara tieghu rrangat kollox u kulma ghamel l-imputat kien li jaccetta dak li qaltlu l-mara. Izda dan kollu xorta ma jinnewtralizzax l-element mentali anke fuq l-imputat u dan ghaliex, ghalkemm l-imputat ma jafx jaqra u jikteb dan xorta wahda kien konxju ta’ x’qed jigri madwaru ma fl-ebda moment ma oggezzjona ghal dak li kien qed isir.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17(h), 21, 115, 120, 121A(1), 184, 185, 186, 188 tal-Kap. 9 u l-Artikolu 44(3) u (5) ta’ LS 499.52 tal-Kap. 499 , qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha u stante l-fatti elenkati hawn fuq, din il-Qorti thoss illi m’ghandiex tikkundannah ghal prigunerija effettiva ghalkemm ir-reat ta’ korruzzjoni huwa wiehed gravi. Ghalhekk ghal dawn il-motivi u stante illi t-tieni akkuza hija kompriza f’dik tal-ewwel u stante illi t-tielet u r-raba’ akkuzi huma wkoll komprizi kif ukoll l-akkuza sitta tigi kompriza fil-hames u ghaldaqshekk u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 qed tikkundanna lill-imputat Paul Azzopardi ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal tliet (3) snin filwaqt li tissospendi l-licenzja nawtika tieghu ghal zmien sena (1) dekorribbli millum.

Finalment il-Qorti qed tiddikjara u tiddeciedi illi stante n-natura tal-kaz u l-provi migjuba ma hijiex ser timponi l-ebda interdizzjoni kontra l-imputat de quo.

Inoltre, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------